Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Appell numru: 321/2013

**Jody Pisani (appellant)**

Vs

**Kummissarju tal-Pulizija (appellat)**

29 ta' Novembru, 2016.

1. L-appellant appella mis-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tat-13 ta' Novembru, 2014 li cahdet ir-rikors tal-14 ta' Novembru, 2013 li bih talab lit-Tribunal sabiex ihassar id-decizjoni tal-appellat li jirrifjuta l-applikazzjoni ghal-licenza ta' gwardjan privat.

2. **Fatti**.

i. L-appellant applika sabiex jingħata licenzja ta' gwardjan privat.

ii. B'ittra tat-23 ta' Ottubru, 2013 l-appellat gharraf lill-appellant li l-applikazzjoni giet rifjutata *"…. Minhabba ragunijiet ta' interess pubbliku skont l-Art. 10(b) tal-Kap. 389"*.

iii. Irrizulta li kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-appellant fi tlett okkazzjonijiet u nghataw sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

(a) **14 ta' Gunju, 2006** – l-appellant ammetta ghall-akkuzi ta' ricettazzjoni, frodi u falsifikazzjoni. Il-qorti qalet: *"Rat il-fedina penali netta tal-imputat, il-koperazzjoni mal-pulizija, l-ammissjoni bikrija u l-fatt li rrifonda l-flus li ha. Ma tikkundannahx ghal piena karcerarja izda tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum"*.

(b) **22 ta' Ottubru, 2007** – l-appellant gie akkuzat talli fl-10 ta' Ottubru, 2006 u fil-granet ta' wara rcieva ghandu *top up vouchers* misruqa b'valur li jeccedi s-somma ta' Lm1,000, u kiser ukoll l-kundizzjoni li giet imposta fuqu bis-sentenza tal-14 ta' Gunju, 2006. F'dan il-kaz l-appellant rega' ammetta u gie kkundannat ihallas multa ta' Lm100 minbarra li gie applikat kontrih l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 ghall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

(c) **20 ta' Novembru, 2009** – l-appellant gie akkuzat b'uzura u li bl-imgieba tieghu kkaguna lill-haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti. L-appellant ammetta u nstab hati tal-akkuzi u gie

kkundannat ihallas multa ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) u tpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn.

3. **Aggravji**.

i. It-Tribunal kien zbaljat meta fis-sentenza qal li l-provi kienu skarsi.
ii. L-Artikolu 10(b) tal-Kap. 389 mhuwiex intiz biex ikopri pieni u kundanni li m'humiex inkluzi fl-artikolu 10(a) tal-istess ligi.
iii. Fid-decizjoni tal-appellat m'hemmx raguni li wasslitu biex jirrifjuta l-applikazzjoni.

4. **Konsiderazzjoni tal-aggravji**.

Il-qorti tibda biex tiddikjara li s-sentenza ser titratta l-aggravji kif ipproponihom l-appellant mis-sentenza tat-Tribunal. Mhuwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tara jekk setax kien hemm xi raguni ohra li fuqha l-appellant seta' jilmenta mis-sentenza li appella minnha.

i. Hu fatt li l-provi li ressaq l-appellant huma skarsi, kif osserva t-Tribunal. F'dan ir-rigward xehed l-appellant fil-qasir u pprezenta kopja tal-istatut tal-kumpannija Protection Services Malta Ltd (C60430), li qal li hi kumpannija tal-familja u li toffri servizzi relatati ma' xoghol ta' gwardjani privati. It-Tribunal semplicement ghamel din l-osservazzjoni u zied li, *"Ir-rikorrent ma pproduca l-ebda xhud li seta' jaghti prova tal-affidabilita' tieghu bhala haddiem u dan nonostante li huwa jistqarr li jahdem bhala xufier mac-Chairman tal-Kavallier ta' San Gakbu"*. Jekk l-appellant ried jikkonvinci lit-Tribunal li hu persuna affidabbli fuq il-post tax-xoghol, l-inqas li kellu jaghmel hu li jressaq xhieda f'dan ir-rigward. Pero' jibqa' l-fatt li t-Tribunal iddecieda l-kaz a bazi tal-provi li kellu quddiemu, kif wara kollox kellu jaghmel.

ii. M'hemmx dubju li l-kazijiet li kien involut fihom l-appellant, kienu relatati ma' reati serji; uzura, ricettazzjoni u theddid. F'dan ir-rigward it-Tribunal qal:

*"Illi ma hemmx dubju li r-reati kommessi mir-rikorrenti jistghu jigu kkunsidrati bhala reati serji anke jekk dawn il-Qrati kienu ghal aktar minn darba klementi mieghu. Ma hemmx dubju wkoll u rrizulta car illi r-rikorrenti minkejja li gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor, f'zewg okkazzjonijiet huwa rega' wettaq reati ohra.*

*Illi ghalhekk wiehed irid iqis jekk f'dawn ic-cirkostanzi partikolari l-Kummissarju ntimat setax ragonvevolment jasal ghal konkluzjoni illi r-rikorrnet m'ghandux karattru affidabbli u li ghalhekk mhux fl-interess pubbliku li jinghata licenza biex jahdem bhala gwardjan privat….*

*Illi ghalkemm huwa veru, kif jishaq ir-rikorrenti, illi s-sentenzi li nghataw fil-konfront tieghu kienu tnejn liberatorji u wahda ta' probation, u li ai fini tal-*

*artikolu 10(a) tal-Kapitolu 389 (Att dwar Gwardjani Privati u Lokali) dawn ma jistghux jittiehdu bhala sejba ta' htija, dan ma jfissirx illi l-Kummissarju intimat ma jistax jehodhom in konsiderazzjoni ai fini ta' artikolu 10(b) tal-istess Att meta jigi biex iqis persuna hix affidabbli jew le biex tinghata licenza ta' Gwardjan Privat.*

*Illi finalment dan it-Tribunal josserva illi ghalkemm l-esponent jahdem bhala xufier, dan ma jfissirx li b'daqshekk ghandu jkollu dritt awtomatiku li jottjeni l-licenza ta' Gwardjan Privat, liema licenza taghti lok li wiehed ikun f'kuntatt dirett kemm ma' kull xorta ta' nies, ma' kull xorta ta' sitwazzjonijiet u kif ukoll potenzjalment ma' ammonti kbar ta' flus. Illi kif gie tajjeb sottomess mill-Kummissarju intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, ix-xoghol ta' gwardjan privat huwa xoghol li jitlob certa dedikazzjoni u responsabbilta".*

Ix-xoghol ta' gwardjan privat jinvolvi xoghol varjat (ara definizzjoni fl-Artikolu 2 tal-Kap. 389). Peress li waqt il-gbir tal-provi ma gietx prezentata kopja tal-applikazzjoni, mhuwiex maghruf ghal liema tip ta' servizz ta' gwardjan privat. Il-qorti hi tal-fehma li f'kazijiet bhal dawn it-Tribunal ghandu jizgura li tigi pprezenta kopja awtentika tal-applikazzjoni biex jifhem ahjar x'talab l-applikant u kif iddecieda l-Kummissarju.

L-appellant ibbaza t-tieni aggravju fuq l-argument li l-Artikolu 10(a) jelenka tassattivament il-kundanni u l-pieni li jiggustifikaw rifjut. Kompla:

*"Li kieku l-legislatur ried li jigu inkluzi kundanni bhal tal-appellant kien jinkludihom fl-istess lista. L-artikolu 10(b) huwa intiz li jipprovdi ghal cirkostanzi ohra li jkunu kontra l-interess pubbliku u ma jkunx hemm provvedimenti dwarhom fl-Att relattiv, izda mhux biex ikopri pieni u kundanni mhux inkluzi fl-artikolu 10(a) bhal ma rritjena t-Tribunal".*

Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. L-Artikolu 10(b) jipprovdi li l-Kummissarju jista' jirrifjuta l-applikazzjoni:

*"(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-licenza".*

Ma jfissirx li ghaliex hemm disposizzjoni *ad hoc* li titratta kundanna ghal delitti meqjusa bhala gravi, allura paragrafu (b) ma japplikax fir-rigward ta' delitti.

Hu minnu li skond l-Artikolu 25(1) tal-Att dwar il-Probation (Kap. 466):

*"Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment* ***għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun****,….."*

Fil-kaz in ezami s-sentenzi li nghataw kienu:

a. **14 ta' Gunju, 2006** – liberat taħt kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin minn dakinhar.

b. **22 ta' Ottubru, 2007** – kundannat €100 u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) minn dakinhar.

c. **20 ta' Novembru, 2009** – multa ta' €2,300 u ordni ta' probation ghall-perjodu ta' sentejn (2) minn dakinhar. L-akkuza kienet li r-reat twettaq f'Gunju 2009 u x-xhur precedent.

Pero' minn dawn is-sentenzi hu altru milli evidenti li gialadarba f'zewg okkazzjonijiet l-appellant kiser il-kundizzjoni li ma jwettaqx reat fiz-zmien li jissemma fis-sentenzi tal-2006 u 2007, il-qorti kkundannatu ghar-reati li kienu l-oggett tas-sentenzi ta' Gunju 2006 u Ottubru 2007. Il-qorti hekk biss tista' tifhem l-imposizzjoni ta' multa fuq l-appellant fis-sentenzi tal-2007 u 2009. Ghal dak li jirrigwarda s-sentenza tal-20 ta' Novembru, 2009, l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 ma jidhirx li japplika gialadarba il-qorti poggiet lill-appellant taht *probation*. Fl-imsemmija disposizzjoni ordni ta' *probation* m'hijiex wahda mid-dikjarazzjonijiet li l-ligi tqies bhala li mhumiex dikjarazzjoni ta' htija. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-appellant ipprezenta fit-Tribunal, hu evidenti li jaccetta tali fatt (ara parti ntestata Mertu, fol. 77). Tant hu hekk li ma ressaqx l-istess argument li ghamel fir-rigward tas-zewg sentenzi l-ohra fejn l-ordni kienet wahda ta' liberazzjoni kondizzjonijata fejn evidentement kien qieghed jinvoka l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446. Ghalhekk meta gie biex jiddeciedi, l-appellat kellu dritt li jqies it-tlett kazijiet flimkien.

iii. Hu minnu li fl-avviz li nghata lill-appellant, kull ma jinghad hu li l-applikazzjoni giet michuda, *"..... minhabba ragunijiet ta' interess pubbliku skont l-Art. 10(b) tal-Kap. 389"*. Pero' hi l-ligi stess li tipprovdi li f'kaz ta' rifjut ghar-raguni li tissemma fl-artikolu 9(b), ikun bizzejjed li fl-avviz jinghad li l-licenza giet rifjutata fl-interess pubbliku (Artikolu 11). Il-qorti tistqarr li ghandha rizervi kbar dwar din id-disposizzjoni meta tqies li hu principju ta' mgieba amministrattiva tajba li t-tribunal amministrattiv ghandu obbligu li jaghti decizjoni motivata (ara artikolu 3 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, Kap. 490). Fil-fehma tal-qorti, decizjoni motivata tfisser li l-applikant ghandu jkun jaf x'kienet ir-raguni li waslet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jirrifjuta l-applikazzjoni. Madankollu f'dawn il-proceduri m'hijiex qeghda tigi kkontestata l-validita tal-proviso tal-paragrafu (1) tal-artikolu 11 tal-Kap. 389. Madankollu, quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva inghatat ir-raguni ghalfejn l-applikazzjoni giet rifjutata u l-appellant inghata kull opportunita li jikkontesta d-decizjoni tal-Kummissarju tal-

Pulizija u jressaq il-provi li seta' deherlu li huma rilevanti ghall-kaz tieghu. Dan apparti li fis-sentenza t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kkunsidra wkoll jekk fic-cirkostanzi d-decizjoni ta' rifjut kinitx ragonevoli.

5. Fl-ahharnett il-qorti thoss li ghandha tattira l-attenzjoni tal-appellat ghas-segwenti:-

   i. Il-konsiderazzjoni u d-decizjoni dwar applikazzjoni ghall-hrug ta' licenza ghall-gwardjan privat, ghandhom isiru **mill-Kummissarju tal-Pulizija personalment** u mhux minn xi ufficjal iehor fil-korp tal-pulizija. Dan id-dmir ma jistax jigi delegat lil haddiehor.

   ii. Fil-konsiderazzjoni u tehid ta' decizjoni dwara applikazzjoni ghal-licenza ta' gwardjan privat, Il-Kummissarju tal-Pulizija jkun qieghed jagixxi bhala Tribunal Amministrattiv (ara Skeda I tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap. 490). Fil-fatt l-Artikolu 2 tal-istess Att jipprovdi li *"tribunal amministrattiv tfisser tribunal elenkat fl-Ewwel Skeda"*. Fl-ewwel Skeda jissemma l-Kummissarju tal-Pulizija taht l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali (Kap. 389). Ghaldaqstant, il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu l-**obbligu** li meta jigi biex jiddeciedi dwar applikazzjoni, japplika u jirrispetta l-principji kollha ta' *"mgieba amministrattiva stabbilita"* li huma spjegati fl-Artikolu 3 tal-Kap 490, fosthom dak ta' smigh xieraq.

Il-qorti tittama li l-Avukat Generali, li f'dawn il-proceduri kien qieghed jassisti lill-Kummissarju tal-Pulizija, jaghtih direzzjoni f'dan ir-rigward.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.